



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Novembru 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0374(COD)

13801/21
ADD 1

CODEC 1456
COMPET 801
MI 830
RC 44
TELECOM 412

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.	13192/21
Nru dok. Cion:	14172/20 + ADD 1-4 - COM(2020) 842 final
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali) - Approċċ ġenerali - <i>Dikjarazzjoni konġunta mid-delegazzjoni Daniża, Taljana, Portugiża u dik Spanjola</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża dikjarazzjoni konġunta mid-delegazzjoni Daniża, Taljana, Portugiża u dik Spanjola dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq bil-ħsieb tal-laqgħa tal-Kunsill Kompetittività tal-25 ta' Novembru 2021.

**PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT DWAR SWIEQ KONTESTABBLI U ĠUSTI FIS-
SETTUR DIĠITALI (L-ATT DWAR IS-SWIEQ DIĠITALI) – APPROĊĊ ĠENERALI**

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA TAD-DANIMARKA, L-ITALJA, IL-PORTUGALL U
SPANJA**

Aħna nappoġġaw it-test ta' kompromess tal-Presidenza sabiex jintlaħaq l-Approċċ Ġenerali fil-Kunsill COMPET fil-25 ta' Novembru 2021.

Madankollu, aħna nissottolinjaw bil-qawwa l-ħtieġa għal titjib sabiex l-Att dwar is-Swieq Diġitali ma jiddgħajjifx waqt in-negozjati matul il-proċedura ulterjuri.

Pereżempju, aħna nemmnu li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 6(1)(k) dwar il-kundizzjonijiet FRAND ta' aċċess għall-utenti kummerċjali kien limitat b'mod mhux ambizzjuż għall-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software.

Każijiet reċenti enfasizzaw il-persistenza ta' żbilanċ qawwi fir-relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-gwardjani u l-utenti kummerċjali anke fir-rigward tal-aċċess għall-magni tat-tiftix u s-servizzi tan-networks soċjali, li jwassal għal kundizzjonijiet żbilanċjati, żleali u potenzjalment inġusti. Dawn il-prattiki wrew impatt dirett negattiv fuq is-sħab kummerċjali, filwaqt li mminaw kemm il-kontestabbiltà fit-tul kif ukoll il-possibbiltà tal-għażla tal-utenti, flimkien mal-aċċessibbiltà sħiħa u l-kwalità tal-kontenut.

Għalhekk aħna nappoġġaw it-tkabbir tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 6(1)(k) għal magni tat-tiftix u servizzi ta' networks soċjali.

Ninsabu fiduċjużi li tali talba ser titqies b'mod xieraq u serju matul in-negozjati futuri.
